MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**LINO FARRUGIA SACCO**

Seduta tal-25 ta' April, 2006

Rikors Numru. 530/2005

Martin Spiteri
vs
Joseph Pace

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**
Rat ir-rikors ta' Martin Spiteri li bih espona:

Illi l-intimat Joseph Pace kien gie kkundannat ihallas lir-rikorrent Martin Spiteri permezz ta' sentenza ta' din il-Qorti tal-1 ta' Novembru 1996 li kopja taghha giet annessa mar-rikors u mmarkata bhala Dok. A, is-somma ta' erba' mitt lira Maltin (Lm400) oltre l-imghax legali mill-1 ta' Novembru 1996 sal-effettiv pagament, kif ukoll l-ispejjez legali ammontanti ghal mija u hamsa u disghin liri Maltin u sitta u ghoxrin centezmu (Lm195.26), skond it-taxxa annessa mar-rikors u mmarkata Dok B, oltre hamsa u ghoxrin liri Maltin u sitta u tmenin centezmu (Lm25.68) VAT fuq id-drittijiet;

Illi kienu ghaddew aktar minn hames snin minn meta t-titolu ezekuttiv kien seta' jigi ezegwit;

Illi dan id-debitu kien ghadu dovut fl-intier tieghu mill-intimat oltre l-imghaxijiet u l-ispejjez;

Ghaldaqstant, ir-rikorrent talab lill-Qorti li jigu ravvivati d-drittijiet tieghu kontra l-intimat u b'hekk l-istess kreditu jerga' jsir titolu ezekuttiv skond il-Ligi u jkun jista' jigi ezegwit kontra l-intimat, salv kull provvediment li l-Qorti joghgobha taghti.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Semghet l-abili difensur tar-rikorrent.

Ikkunsidrat

**B. PROVI:**

Semghet bil-gurament lil Martin Spiteri li qal li mid-data tal-prezentata tar-rikors hu baqa' ma thallas xejn minghand l-intimat.

Rat illi l-intimat debitament notifikat skond il-ligi ma deherx ghas-seduta tal-lum u anqas ipprezenta risposta.

**C. KONKLUZJONIJIET:**

Illi ghalhekk peress li t-talba tar-rikorrent tidher gustifikata, il-Qorti tordna li jigu ravvivati d-drittijiet tieghu kontra l-intimat u b'hekk l-istess kreditu jerga' jsir titolu ezekuttiv skond il-Ligi u jkun jista' jigi ezegwit kontra l-intimat.

Spejjez kontra l-intimat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------